KULLEĠĠ SAN NIKOLA
EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA
Frar 2015

| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI<br>(Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema
# Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.
2. Wara, aqra l-iskript kollu bil-mod u b'leħen ċar kemm tista'.
3. L-iskript **aqrah darbtejn**, kwarta kull darba.

***Tfal, tistgħu tibdew taqraw il-mistoqsijiet f'qalbkom. Għandkom 5 minuti. Tiktbu xejn.***

**(Wara 5 minuti)**

***Issa se naqralkom l-istorja "Idea Tajba" . Isimgħu sew għax wara tridu twieġbu l-mistoqsijiet. Is-silta u l-mistoqsijiet se naqrahomlkom darba, nagħtikom iċ-ċans twieġbu, u wara nerġa' naqralkom is-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba.***

***Waqt li qed naqra s-silta tistgħu tibdew twieġbu l-mistoqsijiet. Fl-istess ħin, iżda, ibqgħu attenti għal dak li qegħdin tisimgħu.***

***Se nibda.***

Xewwieku l-qanfud kellu bosta ħbieb għax hu kien qalbu tajba u dejjem lest biex jgħin. Dan l-aħħar għamel ħbieb mat-Tiġieġa s-Sewda u din tatu bajda kbira li kienet għadha kif biedet. Xewwieku tgħidx kemm ħa gost biha, għax kien ilu ħafna ma jduq bajda friska bħal dik. Imma ma xtaqx ikissirha u jikolha waħdu. Xtaq joħodha d-dar biex jaqsamha mal-mara u t-tfal tiegħu. Kien iħobbhom ħafna u kull farka ikel li kien jiddobba kien ikun irid jaqsamha magħhom, sewwasew kif kien jagħmel ħabibu, Gerriemu l-ġurdien.

Imma dik il-bajda kbira kif seta' joħodha d-dar? Ma setax jaqbadha u jimxi biha, għax biex jimxi ried iħaddem l-erba' saqajn. Lanqas seta' jaqbadha bi snienu għax kienet lixxa, u la kellha għalaq bħall-barmil u lanqas widnejn bħall-borma. Għalhekk, għalkemm ħa gost bil-bajda, din l-istess bajda ħolqitlu problema.

Kien konfuż għall-aħħar u beda jħokk rasu b'waħda minn saqajh ta' wara. F'daqqa waħda lemaħ lil Gerriemu l-ġurdien riesaq lejh bil-mod.
"X'hemm, ħabib? Kemm tidher imħasseb!" qallu l-ġurdien hekk kif wasal maġenbu. "U din il-bajda kbira x'inhi tagħmel hawn ħdejk?"
"Dik qlajtha mingħand it-Tiġieġa s-Sewda," wieġbu Xewwieku. "Nixtieq noħodha d-dar biex naqsamha mal-familja tiegħi. M'iniex se nikolha waħdi għax kieku tinżilli velenu. Imma ma nafx kif se naqbad inġorrha. Kbira wisq biex inżommha f'ħalqi."

Gerriemu xtaq ħafna jgħin lil ħabibu u beda jaħseb x'seta' jsir. Wara li dam biċċa sew igiddem difrejh u jaħseb, ġietu f'rasu idea tajba.

"Naf x'nagħmlu," qal ferħan lill-qanfud. "Stennieni minuta". U telaq jiġri minn maġenbu.
Meta ġie lura, Gerriemu kien qed iġorr werqa kbira f'ħalqu. Kien qatagħha bi snienu mid-dielja li kienet imxebilka maz-zokk tal-ħarruba. Poġġa l-werqa fl-art quddiem Xewwieku u mtedd fuqha wiċċu 'l fuq.

"Issa poġġi l-bajda hawn, fuq żaqqi, u jien inżommha sew bl-erba' saqajn,"qal lill-qanfud. "Int aqbad il-werqa miz-zokk u iġbidha bija b'kollox sa ma naslu d-dar tiegħek. Hekk inkunu wassalnieha sħiħa u tkun tista' taqsamha mal-mara u t-tfal."

Lil Xewwieku għoġbitu l-idea brillanti ta' sieħbu Gerriemu.

* * *

***Issa li smajtu din is-silta, se naqralkom il-mistoqsijiet. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet tistgħu tkomplu taħdmu t-tweġibiet.***

***Mela, issa se naqralek Taħriġ A.***
***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba.***

***In-numru wieħed***
Xewwieku kien iħobb jgħin għax kellu qalbu tajba. ***Veru jew falz?***

***In-numru tnejn***
Xewwieku kellu problema li xtaq isolviha. ***Veru jew falz?***

***In-numru tlieta***
Xewwieku ried jieħu r-rigal li tatu t-Tiġieġa s-Sewda d-dar. ***Veru jew falz?***

***In-numru erbgħa***
Xħin Gerriemu lemaħ lil Xewwieku, hu baqa' miexi bla ma waqaf. ***Veru jew falz?***

***In-numru ħamsa***
Xewwieku kien kuntent bl-idea ta' Gerriemu. ***Veru jew falz?***

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ B.***
***Immarka t-tweġiba t-tajba billi taqta' sinjal taħtha skont dak li smajt fis-silta.***

***In-numru wieħed***
Xewwieku kien
a) fenek.

b) ġurdien.

ċ) qattus.

d) qanfud.

***In-numru tnejn***

Lil Xewwieku, it-Tiġieġa s-Sewda tatu

a) tuffieħa.

b) ġobna.

ċ) bajda.

d) lanġasa.

***In-numru tlieta***

Ir-rigal li tatu t-Tiġieġa s-Sewda, Xewwieku xtaq

a) iżommu għalih biss.

b) jagħtih lill-ġirien.

ċ) jaqsmu mat-tfal tiegħu biss.

d) jaqsmu mal-familja tiegħu.

***In-numru erbgħa***

Xewwieku ma setax jieħu dan ir-rigal id-dar għax

a) kien kbir wisq biex iġorru.

b) ma ried jurih lil ħadd.

ċ) ried iħaddem l-erba' saqajn li kellu.

d) ma xtaqx jurih lill-familja tiegħu.

***In-numru ħamsa***

Gerriemu telaq jiġri minn ħdejn Xewwieku għax

a) kellu idea tajba biex jgħin lil sieħbu.

b) iddejjaq fejn kien.

ċ) sarlu l-ħin biex imur id-dar.

d) kienet ix-xita.

***In-numru sitta***

Gerriemu qal lil Xewwieku biex ipoġġi l-bajda

a) fuq saqajh.

b) fuq żaqqu.

ċ) fuq dahru.

d) fuq spallejh.

*In-numru sebgħa*

Xewwieku u Gerriemu riedu jwasslu l-werqa

a) d-dar ta' Gerriemu.

b) d-dar tat-Tiġieġa s-Sewda.

ċ) d-dar ta' Xewwieku.

d) d-dar tat-Tiġieġa l-Bajda.

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ Ċ.***

***Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.***

*In-numru wieħed*

It-Tiġieġa s-_____________ tat bajda ___________ lil Xewwieku.

*In-numru tnejn*

Meta Gerriemu beda jaħseb f'idea tajba, hu beda jgiddem _____________.

*In-numru tlieta*

Il-bajda kienet lixxa u la kellha ______________ bħall-barmil u lanqas _____________ bħall-borma.

***Issa wasalna għall-aħħar taħriġ, it-Taħriġ D.***

***Agħżel it-tifsira t-tajba skont is-sens tas-silta billi taqta' sinjal taħtha.***

*In-numru wieħed*

Fis-silta nsibu l-kelma **brillanti.** Din tfisser:

a) tleqq.

b) kbira.

ċ) tajba ħafna.

d) ħażina.

*In-numru tnejn*

Xewwieku **lemaħ** lil Gerriemu riesaq lejh bil-mod. Il-kelma **lemaħ** tfisser:

a) ra.

b) mexa.

ċ) kiser.

d) ġera.

*In-numru tlieta*

Il-kelma **konfuż** tfisser:

a) m'għandek aptit tagħmel xejn.

b) ċert mid-deċiżjoni li ħadt.

ċ) ma trid titkellem ma' ħadd.

d) ma tkunx taf x'ser tagħmel.

***Issa se nerġa' naqralkom is-silta u wara l-mistoqsijiet. Tistgħu tiċċekkjaw it-tweġibiet tagħkom u timlew fejn ħallejtu vojt.***

* * *

**Wara li taqra s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba, agħti ftit minuti lit-tfal biex tara li jkunu lesti. Fl-aħħar tista' tgħid:**

***Grazzi! L-eżami tas-smigħ spiċċa.***